MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Numru 1/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Innocent sive Innocenzio Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 1 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Innocent sive Innocenzio Farrugia li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Uniku Kap illi fl-erbgha (4) ta' Mejju, elfejn u hamsa (2005), ghall-habta tad-disgha ta' filghodu (9 am), waqt li Innocent Farrugia kien qed isuq il-van tieghu fil-vicinanzi tal-Palazz ta' Bettina, l-Gudja, hu sakkar bil-van tieghu lil Joseph Caruana, hareg mill-van, fetah il-bieba tal-van ta' Joseph Caruana w xejjirlu daqqa ta' mus f'ghonqu li konsegwenza taghha qatalu arterja. Illi waqt li Joseph Caruana pprova jahrab Innocent Farrugia xejjirlu daqqa ohra f'dahru. Illi dawn id-daqqiet kienu f'partijiet vitali ta' gismu w saru min

Innocent Farrugia fil-konfront ta’ Joseph Caruana bil-hsieb li joqtlu jew iqeghdlu hajtu f’periklu car, izda fotunatament ma kkawzawx il-mewt peress li nghatat l-assistenza medika necessarja.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Innocent sive Innocenzio Farrugia sar hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dana l-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Innocent sive Innocenzio Farrugia hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dana l-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn seba’ snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’sitt (6 ) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Innocent sive Innocenzio Farrugia mhux hati tal-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza, izda hati li kkaguna offiza ta’ natura gravi bi strument li jaqta’ w iniggez fuq Joseph Caruana, liema ferita gravi setghet iggib periklu tal-hajja, u li gabet sfregju gravi w permanenti fil-wicc ta’ Joseph Caruana, izda dar-reat hu skuzabbli ghaliex, ghalkemm kien agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu, hu hareg barra mill-limiti mposti mill-ligi jew mill-awtorita’ jew mill-bzonn.

Tiddikjara ghalhekk lil Innocent sive Innocenzio Farrugia mhux hati skond l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati talli fl-4 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tad-9.00 a.m., gewwa l-Gudja, kkaguna offiza ta' natura gravi bi strument li jaqta' w iniggez fuq Joseph Caruana, liema ferita gravi setghet iggib periklu tal-hajja, u li gabet sfregju gravi w permanenti fil-wicc ta' Joseph Caruana, izda dar-reat hu skuzabbli ghaliex, ghalkemm kien agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu, hu hareg barra mill-limiti mposti mill-ligi jew mill-awtorita' jew mill-bzonn.

Semghet ix-xhieda tal-vittma Joseph Caruana illi rega' tenna espressament li hu ma xtaqx li l-hati, li jigi missier il-mara tieghu, jkun suggett ghal piena karcerarja, ghaliex fi kliemu stess :

***"jekk hemm kundanna din tkun lil missieri stess". Jiena ma rridx xejn. Ghandi bzonn l-ghajnuna ta' din il-persuna."***

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati li kull ma fiha huma zewg reati ta' ftit importanza li jirrisalu ghas-snin 1988 u 1991.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Roberto Montalto**, w cioe' li f'dan il-kaz kien indikat li l-Qorti tapplika piena karcerarja sospiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Lara Lanfranco**, w cioe' :-
fejn ghalkemm ma opponietx li l-piena ghandha tinghata fil-minimu taghha, stante l-gravita' tal-ferita, kellu jkun hemm terminu ta' prigunerija effettiva.

Ikkonsidrat :

Illi f'dan il-kaz il-gurati bil-verdett taghhom kienu ovvjament abbraccjaw il-verzjoni tal-akkuzat li kien hu li kien gie aggrediet minn Caruana b'mus u li kellu ghalhekk jiddefendi ruhhu w li dak li ghamel sar fil-kuntest ta'

legittima difeza ghalkemm kien hemm eccess tal-istess u ghalhekk ir-reat huwa wiehed skuzabbli.

Fl-istess waqt, il-gurati bil-verdett taghhom, warrbu ghal kollox l-unika akkuza ta’ tentattiv t’omicidju, ghaliex ma rrizultatilhomx l-intenzjoni specifika li l-hati ried joqtol lil Caruana jew ippoggilhu hajtu f’periklu car.

Inoltre, l-fedina penali aggornata tal-hati turi li dan m’ghandux storja kriminali w li l-ahhar li kellu ksur tal-ligi tat-traffiku kien fl-1991.

Pero’ fuq kollox, hemm il-mahfra inkondizzjonata tal-vittma li talab ripettutament lil Qorti biex ma tikkundannax lil hati ghall-piena karcerarja effettiva.

Illi l-piena ghar-reat li tieghu issa nstab hati Innocent Farrugia skond l-artikolu 218 li tassorbixxi l-piena ghall-htija l-ohra riskontrata mill-gurati fl-istess verdett skond l-artikoli 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, bl-iskuzanti tal-eccess tal-legittima difeza, tvarja minn minimu ta’ tlett xhur prigunerija ghall-massimu ta’ tlett snin prigunerija.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tara li dan huwa kaz klassiku, anki konsidrata l-eta’ avvanzata tal-hati, fejn ghandu jigi applikat il-provvediment ta’ sentenza sospiza, sia pure ghall-itwal terminu permess mill-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 216, 217, 218, 227(d), 230(d), 233(1)(a), 23, 28A u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati **Innocent sive Innocenzio Farrugia** ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija, li pero’ m’ghandhix tibda ssehh hlief jekk, matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum l-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija w wara dan, Qorti kompetenti tordna bis-sahha tal-artikolu 28B li din is-sentenza ghandha tibda ssehh; kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf mitejn u sitta w sittin Euro w tnejn u sittin Euro centezmi (€1266.62), import ta’ l-ispejjez peritali, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna wkoll il-konfiska tal-mus esebit a tenur tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti fehmet bi kliem car lill-hati r-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mill-lum jerga jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Finalment tigbed l-attenzjoni tad-Deputat Registratur ghall-obbligu tieghu skond l-artikolu 28A(8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------